# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 19**

**Avviz numru 42/01/SM**

**Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Axa Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' Michael Attard Ltd.**

**vs**

**Sea Malta Co. Ltd.**
**The Cargo Handling Company Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lis-socjetajiet konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu jew min minnhom lill-istanti s-somma ta' hames mija u tlettax-il lira u sittin centezmi (LM513.60,0) bhala danni mgarrba mis-socjeta' attrici ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu li permezz taghha s-socjeta' attrici kellha tindenizza lill-assigurat taghha fl-ammont ta' erba' mija u seba u hamsin lira u sittin centezmu (LM457.60,0), danni sofferti fil-merkanzija ta' vetturi li waslet Malta fuq il-vapur Maltese Falcon fl-24 ta' Jannar 2000 ma' liema ammont ta' danni jizdied ammont ta' sitta u hamsin lira (LM56) survey fee inkorsi mis-socjeta' attrici u ghalhekk danni totali fl-ammont ta' LM513.60,0);**

**2. Prevja d-dikjarazzjoni li huma jew min minnhom kienu responsabbli ghad-danni mgarrba mill-attur;**

**3. Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenuti jew minn minnhom;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited" datata s-7 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz taghha din is-socjeta' eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi de quo kienu taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;**

**3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;**

**4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma**

intempestivi stante illi s-socjeta' eccipjenti qatt ma giet interpellata in konnessjoni mal-allegati danni u nuqqasijiet lamentati fic-citazzjoni attrici, u fi kwalunkwe kaz ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Sea Malta Company Limited datata t-8 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz taghha din is-socjeta' eccepiet is-segwenti:

1. Fl-ewwel lok, l-inkompetenza tal-Qorti ratione materia;

2. Fit-tieni lok, u fi kwalunkwe kaz, illi d-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A;

3. Fit-tielet lok, il-klawzola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema s-socjeta' konvenuta ma hiex responsabbli ghad-danni reklamati;

4. Fir-raba' lok, it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

6. Bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. **Illi fl-24 ta' Jannar tas-sena 2000 wasal Malta l-vapur tas-socjeta' konvenuta "Sea Malta Company Limited" bl-isem "Maltese Falcon" li kellu madwar dsatax-il vettura tal-marka Peugeot li gew rilaxxati f'Laboratory Wharf taht il-kustodja tas-socjeta' konvenuta l-ohra "The Cargo Handling Company Limited";**

2. **Illi l-ghada l-25 ta' Jannar tas-sena 2001 dawn il-vetturi gew spezzjonati mis-"surveyor" tas-socjeta' attrici fejn sab li l-vetturi kellhom il-hsarat minnhu ndikati kkwantifikati fl-ammont ta' erba' mija u seba' u hamsin Lira Maltin u sittin centezmu, (LM457.60,0,);**

3. **Illi l-hlas tas-survey in dizamina jammontaw ghall-sitta u hamsin Lira Maltin, (LM56.00,0);**

4. **Illi skond it-"tally sheet" redatta konguntivament minn rapprezentanti tas-socjetajiet konvenuti jirrizulta li giet riskontrata hsara ammontanti komplessivament ghal tmienja u sebghin Lira Maltin, (LM78.00,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi konstatat dan jirrizulta assodat li s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine li ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta' importatrici;**

**Illi in vista tal-premess din il-qorti tiddeciedi ghalhekk li:**

1. **Tiddikjara lis-socjetatjiet konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine;**

2. **Tillikwida d-danni komplessivi sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u tlettax-il Lira Maltin u sittin centezmu, (LM513.60,0);**

3. **Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti bil-mod segwenti:**

**a. “Sea Malta Company Limited”:**

**ikkundannata thallas lis-socjeta’ attrici nomine l-ammont ta’ tmienja u sebghin Lira Maltin (LM78.00,0);**

**b. “The Cargo Handling Company Limited”:**

**ikkundannata thallas lis-socjeta’ attrici nomine l-ammont ta’ tlett mija u disa’ u sebghin Lira Maltin u sittin centezmu, (LM379.60,0);**

**c. Iz-zewg socjetajiet konvenuti flimkien ikkundannati jhallsu lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ tmienja u ghoxrin Lira Maltin, (LM28.00,0), kull wiehed ghas-“survey”, bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn l-istess socjetajiet konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**